# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**President**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 20 ta' Jannar, 2022.**

**Numru 8**

**Rikors numru 1143/15/1 MCH**

**Zeynep Buhagiar**

**v.**

**Id-Direttur tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u ta' l-Espatrijati u Gulbahar Ozgur**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors ġuramentat li ressaq l-attur fit-3 ta' Diċembru, 2015, li jaqra hekk:

> "1. *Illi r-rikorrenti li hija ta' nazzjonalita' Turka, hija mizzewga lil Jason Buhagiar u hija wkoll omm l-intimata Gulbahar Ozgur li ghandha l-Karta ta' l-Identita' Numru 0060977 A u li ghandha ghoxrin sena.*

*2. Illi l-imsemmija intimata Gulbahar Ozghr li wkoll hija ta' nazzjonalita' Turka, giet Malta mit-Turkija fl- 1 ta' Settembru 2005 fuq visa li eventwalment skadiet fl-10 ta' Awwissu 2013. Wara dan, l-intimata Gulbahar Ozgur baqghet Malta wara li rnexxielha tikseb permess ta' residenza gewwa Malta ghalkemm il-protestanti u zewgha kienu rrifjutaw dak iz-zmien illi jiffirmaw kwalsiasi dokument a favur ta' Gulbahar Ozgur biex tikseb permess tar-residenza bhala "dependant" ai termini ta' l-Artikolu 2 tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, u ma riedu jidhlu ghal ebda forma ta' responsabbilita' ghaliha, stante illi dak iz-zmien l-imsemmija intimata ma kienetx ghadha tghix id-dar mar-rikorrenti u zewgha u lanqas kienet qed tirceivi xi manteniment minghandhom. Dan ghaliex l-intimata, li dak iz-zmien diga' ghalqet l-eta' ta' tmintax-il sena, kienet telqet mid-dar ta' ommha u qabdet kumpannija hazina hafna hawn Malta, oltre li kienet u ghadha tghix hajja refrattarja*

*3. Illi dan kollu jirrizulta mill-Affidavit tar-rikorrenti kif ukoll ta' zewgha Jason Buhagiar li kopja taghhom qed jigu hawn annessi, esebiti u mmarkati bhala* ***Dok. A*** *u* ***Dok. B*** *rispettivament, u ghalhekk filwaqt illi l-applikazzjoni relattiva qatt ma setghet giet accettata minghajr il-firma ta' l-imsemmi Jason Buhagiar, jirrizulta illi minkejja dan, Gulbahar Ozgur ottjeniet minghand id-Dipartiment intimat, peress sabiex tibqa' tirrisjedi gewwa Malta.*

*4. Illi in effetti, jirrizulta illi eventwalment, inhareg permess tar-residenza gewwa Malta a favur Gulbahar Ozgur minhabba ragunijiet umanitarji (abbazi ta' CEA Form O). Certament f'Gunju tas-sena 2014, kif ukoll f'Settembru 2014, l-imsemmija intimata applikat ghal u ottjeniet permess ta' residenza minhabba ragunijiet umanitarji, skond kif jista' jirrizulta mill-kopja tar-ricevuta ta' l-estensjoni li nghatatilha f'Gunju 2014 (hawn annessa u mmarkata bhala* ***Dok. C****) u mill-kopja informali ta' l-applikazzjoni li giet eventwalment sottomessa lid-Dipartiment intimat f'Settembru 2014 (hawn annessa u mmarkata bhala* ***Dok. D****). Dan il-permess tar-residenza baqa' jinhareg jew jigi estiz kultant zmien, bl-ahhar hrug isehh fl-10 ta' Settembru 2015 u sussegwentement, ghall-habta tat-30 ta' Ottubru 2015, u dan dejjem minghajr ma jezistu l-elementi rikjesti mill-Ligi sabiex l-imsemmija Gulbahar Ozgur tinghata permess biex tirrisjedi gewwa Malta peress illi ma tezisti l-ebda htiega ta' protezzjoni umanitarja.*

***Ir-Raguni ghat-Talba***

*5. Illi jigi rilevat illi kull permess tar-residenza mahrug a favur Gulbahar Ozgur minhabba ragunijiet umanitarji, u kull tigdid jew estensjoni ta' l-istess permess tar-residenza, huma lkoll irregolari u abbuzivi stante illi ma jezistu l-ebda cirkostanzi gewwa t-Turkija, li taghha l-imsemmija Gulbahar Ozgur hija cittadina, li jistghu jaghtu lok ghall-ghoti ta' protezzjoni umanitarja gewwa Malta lill-imsemmija Gulbahar Ozgur fil-forma ta' permess ghar-residenza gewwa Malta. Jigi rilevat illi fl-ahhar erba' snin, skond kif jista' jirrizulta mill-passaport*

*taghha, bint ir-rikorrenti marret gewwa pajjizha, cioe' t-Turkija ghand missierha, ben tliet darbiet. Ta' min jghid illi l-imsemmija intimata tgawdi relazzjoni mill-ahjar ma' missierha, kif tgawdi wkoll man-nanna materna taghha, dejjem gewwa t-Turkija.*

*6. Illi ghalhekk jirrizulta illi kwalsiasi permess li seta' nghata a favur ta' Gulbahar Ozgur biex tirrisjedi gewwa Malta wara Awwissu 2013, u kwalunkwe estensjoni ta' l-istess, inghata minghajr fundament legali, migjajr ma gew osservati r-rekwiziti tal-Ligi u kwindi b'mod illegali u manifestament irregolari. Di pju', dan l-abbuz fil-process qieghed jippermetti lil Gulbahar Ozgur illi tghix hajja vizzjata hawn Malta bi hsara ghaliha nnifisha, minflok ma tintbaghat lura lejn pajjizha fejn hemmhekk tista' tghix hajja iktar kontrollata fl-ahjar interess taghha, flimkien ma' missierha u membri ohra tal-familja taghha.*

*7. Illi r-rikorrenti kif ukoll zewgha Jason Buhagiar, ilhom ghal dawn l-ahhar sentejn mill-inqas jigbdu l-attenzjoni tad-Dipartiment intimat dwar l-abbuz u ksur tal-ligijiet li qed isir fil-hrug u fl-estensjonijiet tal-permess tar-residenza a favur ta' Gulbahar Ozgur u talbu ripetutament sabiex isir indagni fil-permess estiz tar-residenza li qed jinghata a favur ta' Gulbahar Ozgur.*

*8. Illi permezz ta' Kontro-Protest ipprezentat mid-Dipartiment tac-Cittadinanza u Espatrijati fl-20 ta' Ottubru 2015 bi twegiba ghall-Protest Gudizzjarju prezentat mir-rikorrenti fit-2 ta' Ottubru 2015 (kopji annessi bhala* ***Dok. E*** *u* ***Dok. F****), Id-Dipartiment intimat gharraf lir-rikorrenti illi l-imsemmija bintha intimata titqies bhala "dependant" ai termini tad-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 2 tal-Kapitolu 217 u li konsegwentement hija tista' tibqa' tghix gewwa Malta sakemm taghlaq l-eta' ta' wiehed u ghoxrin sena.*

*9. Illi din l-informazzjoni moghtija mid-Dipartiment intimat tikkuntrasta b'mod qawwi mal-permess tar-residenza kif estiz ripetutament abbazi ta' ragunijiet umanitarji, stante illi min jitqies bhala "dependant" ai termini tad-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 2 tal-Kapitolu 217 certament ma ghandux ghalfejn japplika ghall-hrug ta' permess ghar-residenza minhabba ragunijiet umanitarji. Infatti l-intimata Gulbahar Ozgur lanqas taqa' fit-tifsira ta' "dependant", la ta' ommha u lanqas ta' zewgha Jason Buhagiar stante illi, kif diga' nghad, hija ma tiddependi bl-ebda mod minnhom ghall-ghajxien taghha u qieghda hawn ,Malta kontra l-volonta' espressa ta' ommha r-rikorrenti.*

*10. Illi ghalhekk, jirrizulta li kull hrug ta' permess ta' residenza mid-Dipartiment intimat a favur Gulbahar Ozgur wara Awwissu 2013, u kull estensjoni ta' l-istess permess, jikkostitwixxi abbuz tas-setgha moghti lid-Dipartiment intimat stante li huwa ghemil amministrattiv li twettaq minghajr osservanza ta' htigijiet procedurali mandatorji u/jew għal għanijiet mhux xierqa u/jew imsejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti, oltre li huwa eghmil amministrattiv li jmur kontra l-liġi, u dan ai termini tad-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 469A(1)(ii)(iii) u (iv).*

***It-Talbiet***

*Ighidu ghalhekk l-intimati ghaliex dina l-Qorti ma ghandhiex, prevja kull dikjarazzjoni necessarja jew opportuna, tiddikjara kull hrug ta' permess ta' residenza a favur ta' l-intimata Gulbahar Ozgur mill-intimat id-Dipartiment tac-Cittadinanza u Espatrijati, u kull estensjoni tal-permess tar-residenza relattiva, bhala null, invalidu u minghajr ebda effett fil-Ligi u konsegwentement thassar l-istess.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimati li jibqgħu minn issa ingunti ghas-subizzjoni".*

2. Rat ir-risposta ġuramentata tad-Direttur tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u tal-Espatrijati li in forza tagħha eċepixxa illi:

"1. *Illi in linea preliminari, l-esponenti jecepixxi n-nuqqas ta' applikabilita' tal-Artikolu 469A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta) stante li l-konferma tal-exempt person status ta' persuna dipendenti ma' tinkwadrax fit-tifsira ta' "eghmil amministrattiv" li nsibu fis-subinciz 2 ta' l-Artikolu 469A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*2. Illi in linea preliminari in kwantu dina l-azzjoni hija bazata fuq l-Artikolu 469A(1) (b) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Ciivli (Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta), l-esponenti qieghed jecepixxi formalment illi l-azzjoni tar-rikorrenti hija perenta ai termini ta' l-Artikolu 469A (3) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta bit-trapass ta' kwazi tmien snin mid-data meta saret il-konferma tal-exempt person status tal-intimata Gulbahar Ozbur;*

*3. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;*

*4. L-esponenti jissottomettu li l-intimata hija kkunsidrata bhala persuna ezenti skont dak li jipprovdi l-Artikolu 4 (1) (f) tal-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap.217 tal-Ligijiet ta' Malta) u dan peress "li hija dipendenti minn xi persuna msemmija fil-paragrafi ta' qabel dan". Illi t-tifsira tal-kelma "dependent" li nsibu fl-Artikolu 2 tal-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta) fil-paragrafu (a) taghha tahseb ghal "l- ulied ta' dik il-persuna, jew ulied zewg jew mart dik il-persuna, jekk dawk l-ulied ikunu taht il-wiehed u ghoxrin sena;*

*5. Illi l-istat ta' persuna ezenti huwa dritt li johrog ex lege u ghalhekk il-procedura adottata hija li l-esponenti jikkonferma dan l-istat permezz ta' ittra mibghuta mid-Dipartiment u wara dan l-istat jigi rifless b'dokument ta' residenza fil-forma ta' vignette li titwahhal fil-passaport tal-persuna koncernata jew b'dokument stand alone fil-format ta' plastic card li jindika dan l-istatus ta' persuna ezenti;*

*6. Illi l-esponenti jirrespingi kull allegazzjoni ta' abbuz ta' poter stante illi l-agir ta' l-esponenti dejjem kien wiehed legittimu u certament mhux wiehed abbuziv stante illi dejjem agixxa b'konformita` mal-Ligi;*

*7. Illi l-esponenti jirrespingi kull allegazzjoni li huwa b'xi mod ma osservax il-principji ta' gustizzja naturali jew ir-rekwiziti procedurali mandatorji fit-twettiq tal-poteri fdati lilu;*

*8. Illi l-esponenti jirrespingi wkoll kull allegazzjoni illi l-agir tieghu sar ghal ghanijiet mhux xierqa jew imsejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti jew b'xi mod iehor imur kontra l-ligi u dan peress li l-agir ta' l-esponenti dejjem kien wiehed korrett u dejjem irrispetta dak provdut fil-Ligi;*

*9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz;*

*10. Bl-ispejjeż."*

3. Rat ir-risposta ġuramentata ta' Gulbahar Ozgur li in forza tagħha eċċepiet illi:

"(1) *Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.*

(2) *Illi l-eccipjenti ghandha l-kwalitajiet necessarji skont il-Ligi li jirrenduha elegibbli sabiex tibbenefika minn dokument ta' residenza."*

4. Rat ir-risposta ġuramentata ulterjuri tad-Direttur tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u l-Espatrijati li in forza tagħha eċċepixxa ulturjament illi:

"1. *Illi preliminarjament, l-esponenti jecepixxi n-nuqqas ta' interess guridiku tar-rikorrenti fl-azzjoni odjerna stante li l-intimata l-ohra f'dawn il-proceduri illum il-gurnata mhijiex persuna dipendenti ai termini tal-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap.217 tal-Ligijiet ta' Malta)."*

5. Rat is-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili tal-11 ta' Mejju, 2017, li in forza tagħha ddeċidiet il-kawża billi:

"*tilqa' l-eccezzjoni ulterjuri tad-Direttur tad-Dipartiment tac-Cittadinanza u ta' l-Espatrijati u tilliberah fil-konfront tal-pretensjonijiet attrici, u konsegwentement tichad it-talbiet attrici fil-konfront taz-zewg konvenuti, stante li ghar-ragunijiet hawn qabel imsemmija, ma ghadx ghandha interess guridiku fl-azzjoni mressqa minnha. Bl-ispejjez fic-cirkostanzi jibqghu bla taxxa."*

6. Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"*Illi din il-kawza titratta talba ghal stharrig gudizzjarju dwar eghmil amministrattiv, imwettaq mid-Dipartiment konvenut, wara l-hrug ta' permess ta' residenza u kull estensjoni li nghatat sussegwentement, minhabba ragunijiet umanitarji, favur il-konvenuta l-ohra Gulbahar Ozgur, cittadina Torka, peress li l-attrici tikkontendi, li ma gewx osservati r-rekwiziti tal-ligi, stante li ma jezistu ebda cirkostanzi fit-Turkija li jaghtu lok ghall-ghoti ta' protezzjoni, umanitarja gewwa Malta. Ghalkemm id-Dipartiment konvenut spjega lill-attrici, li l-konvenuta Gulbahar Ozgur titqies bhala persuna dipendenti ai termini tal-artikolu 2 tal-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta), hija tikkontesta tali interpretazzjoni peress li tishaq li l-konvenuta Gulbahar Ozgur ma tiddependi bl-ebda mod minnha ghall-ghajxien taghha u qeghda hawn Malta kontra l-volonta' espressa taghha. Ghalhekk l-attrici tikkontendi li kull hrug ta' permess ta' residenza mid-Dipartiment konvenut, a favur tal-konvenuta l-ohra Gulbahar Ozgur, jikkostitwixxi abbuz ta' setgha moghti lid-Dipartiment, peress li l-eghmil amministattiv twettaq minghajr l-osservanza ta' htigijiet procedurali mandatorji jew ghal ghanijiet mhux xierqa u/jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti, oltre` li huwa eghmil l jmur kontra l-ligi u dan ai termini tal-artikolu 469A(1) (ii) (iii) u (iv) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta. Konsegwentement l-attrici talbet li din il-Qorti tiddikjara li kull hrug ta' permess ta' residenza favur il-konvenuta Gulbahar Ozgur, u kull estensjoni tal-permess ta' residenza relattiva, bhala null u minghajr ebda effett fil-ligi u konsegwentement thassar l-istess. Ghalkemm kemm id-Dipartiment konvenut, kif ukoll il-konvenuta l-ohra kkontestaw il-proceduri odjerni, permezz tar-risposti rispettivi taghhom, fil-mori tal-proceduri, d-Dipartiment konvenut, ressaq eccezzjoni ulterjuri, fis-sens li l-attrici kien jonqos fiha l-interess guridiku sabiex tkompli bl-azzjoni taghha, peress li jinghad li llum il-gurnata l-konvenuta l-ohra mhijiex dependenti ai termini tal-Att dwar l-Immigrazzjoni. Huwa ritenut opportun li qabel kollox tigi investita din l-eccezzjoni ulterjuri, peress li min-natura stess taghha, tista' iggib fix-xejn l-azzjoni attrici.*

***Provi***

*Hija meqjusa rilevanti x-xhieda moghtija minn Dr Astrid May Grima, Chief Legal Officer, Identity Malta, waqt is-seduta tad-9 ta' Jannar,*

*2017, fejn gie spjegat illi l-konvenuta Gulbahar Ozgur, originarjament kienet giet tghix hawn Malta flimkien ma' ommha (l-attrici). Wara li l-attrici zzewget Malti, ulied l-attrici kellhom dritt sabiex jghixu mal-omm hawn Malta, kif ukoll jahdmu sa ma jaghlqu l-21 sena, liema permess jissejjah freedom of movement, Dan il-permess jispicca malli l-ulied jaghlqu l-21 sena, u konsegwentement l-ulied ikunu jridu jgibu permess "on their own steam", li jista' jkun wiehed per ezempju ta' studju, jew ta' xoghol. Hekk gara f'dan il-kaz, fejn wara li ghalaq il-permess tal-konvenuta tal-freedom of movement, mal-gheluq tal-21 sena, wara li hija għamlet applikazzjoni u saru l-verifiki opportuni, nghata permess ta' residenza ghal studju, peress li qeghda tistudja l-Advanced Diploma in Applied Science fl-MCAST. Ghall-hrug ta' dan il-permess, il-konvenuta ma kellha bzonn ebda intervent jew permess tal-genitur jew qarib taghha, izda kienet tehtieg biss il-prova li kienet tezisti raguni valida, f'dan il-kaz verifika mal-MCAST li l-konvenuta tassew kienet qeghda ssegwi l-course minnha msemmi. Il-Qorti tqis opportun siltiet minn din ix-xhieda:*

> *"Qorti: Jigifieri tajjeb u hazin, il-permess li kien hemm ezistenti f'isem l-omm u ghal uliedha bhala dipendenti taghha llum il-gurnata m'ghandu ebda rilevanza.*
>
> *Xhud: No m'ghadux jezisti.*
>
> *Qorti: Setgha kien hemm kollox hazin ghax illum it-tifla qeghda hawn Malta fuq permess ghaliha.*
>
> *Xhud: Ghaliha ndipendentement minn kulhadd.*
>
> *Qorti: Irrispettivament x'kien hemm qabel. Setgha qatt ma kienet Malta u giet Malta biex tistudja u talbet permess.*
>
> *Xhud: Iva Sur Imhallef."*

*Din ix-xhieda ma gietx kontradetta jew kontrastat bl-ebda mod, da parti tal-attrici. Inoltre`, gew esebiti numru ta' dokumenti da parti tad-Dipartiment konvenut, senjatament Dok. DCEA1, kopja tal-applikazzjoni ghall-karta ta' l-identita` flimkien mal-applikazzjoni ghall-permess ta' residenza fuq bazi ta' studju (CEA Form N), maghmula mill-konvenuta Gulbahar Ozgur, fis-6 ta' Mejju, 2016; Dok. DCEA2, kopja tal-ircevuta mahruga mid-Dipartiment konvenut fl-istess gurnata, li fiha nnifisha hija wkoll permess temporanju validu sas-6 ta' Awwissu, 2016; Dok. DCEA3, kopja ta' ittra datat 8 ta' Lulju, 2016, mahruga mill-Malta College of Arts, Science and Technology (MCAST), li tirreferi ghall-kors ta' studju li ghalih hija registrata l-konvenuta; DCEA4, kopja tal-permess ta' residenza abbazi ta' studju, mahrug mid-Dipartiment konvenut lill-konvenuta l-ohra Gulbahar Ozgur.*

***Gurisprudenza***

*Jinsab assondat fil-gurisprudenza taghna illi:*

*In tema legali jinsab stabbilit fid-dritt giudizzjarju civili li l-interess hu l-mizura ta' l-azzjoni "(Vol. XX XVII. II. 608); u" r-rekwizit ta' l-interess hu ndispensabbli ghall-proponibilita` ta' domandi fi kwalunkwe sedi ta' gurisdizzjoni kontenzjuza" (Vol. XXVII. I. 507). "L-interess hu l-bazi ta' l-azzjoni" (Vol. XXIX I. 891); "u ma jistax ikun hemm azzjoni jekk ma jkunx hemm interess"(Vol. XXX. I 317). "L-attur fil-gudizzju jrid ikollu nteress jistitwixxi l-azzjoni u jottjeni l-akkoljiment taghha. Jekk l-azzjoni tkun inkapaci li tipproduci rizultament vantaggjuz jew utili ghal min jipproponiha, dik l-azzjoni ma tistax tigi protetta." (Vol. XXXIII. I 108; VoL. XXXVII. I 57; XXXVII. II. 608). " jekk l-azzjoni ma twassalx biex tipproduci tali rizultat ghal min jipproponiha, dik l-azzjoni ma tistax tregi"(***Giuseppe Camilleri et vs Giuseppe Sammut et*** *deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Jannar 1953). "Biex wiehed jipproponi, domanda f'gudizzju, kif ukoll biex imantniha, hemm bzonn illi jkollu nteress fiha, jigifieri hemm bzonn illi d-domanda ggiblu rizultat utili; liema nteress irid ikun legittimu u konkret" (Vol XXVIII. II 317)"(Appell:* ***Pietro Paolo Borg vs Giuseppe Caruana****: 3.12.1984; Vol. LXVIII. II. 233). Jekk ir-rizultat, jew sentenza, ma jkunx jista' jigi uzufruwit, dik l-azzjoni ma tistax tigi protetta (****Michelangelo Bond vs Carmelo Mangion et*** *– Appell Civili deciz fis-27 ta' Mejju 1991; u* ***Albert Calleja vs Orazio Micallef*** *Appell Civili deciz fl-1 ta' April 1992). "L-interess irid ikun jezisti mhux biss fil-bidu tal-kawza izda jipperdura matul is-smigh kollu taghha".(****Laferla v. Lauri****-Qorti tal-Appell-2 ta' Mejju 2002- ara wkoll* ***Crossey vs Blackman*** *– Appell – 11 ta' Frar 1966 – Vol.L.I.45;* ***Sammut vs Attard*** *– Appell – 17 ta' Frar 1993 u* ***Brittannia Catering Company Limited vs Direttur tad-Dipartiment tal-Artijiet et*** *– Qorti Kostituzzjonali – 12 ta' April, 2011).*

*Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, jirrizulta al kwantu ovvju li ghalkemm l-attrici kellha l-interess guridiku mehtieg meta giet intavolata l-kawza, peress li hija kienet qeghda essenzjalment tikkontesta l-hrug ta' permess mahrug lit-tifla taghha fuq il-bazi li din kienet dipendenti fuqha ladarba kienet taht il-21 sena, jirrizulta ampjament ippruvat li l-permess li ghandha fil-prezent il-konvenuta Gulbahar Ozgur, inhargilha indipendentement minn kull raguni ohra, Il-konvenuta applikat ghall-permess ta' residenza hi minn jeddha u wahidha. Talbitu hi u l-permess nghata lilha, in her own, ghall-iskop li hija tkompli l-istudji taghha. Il-konvenuta ma kienet tehtieg ebda permess tal-attrici sabiex tottjeni dan il-permess, izda l-prova biss li hija kienet effettivament qeghda ssegwi dan il-kors ta' studju, liema prova saret. X'gara precedentement fil-kaz tal-permess antecedenti, huwa ghal kollox irrilevanti peress li llum il-gurnata dak il-permess skada u huwa inezistenti.*

*Kif rilevat qabel, huwa mehtieg li l-interess guridiku jibqa' jissussisti tul il-kawza, biex l-attrici tkun tista' tkompli din il-kawza. Ghalhekk jirrizulta li din l-eccezzjoni ulterjuri tad-Dipartiment konvenut ghandha tintlaqa' peress li tabilhaqq it-talba attrici li l-permess precedenti li kellha l-konvenuta Gulbahar Ozgur, li jigi dikjarat null, invalid u bla effett fil-ligi u li din il-Qorti thassar l-istess permess, ma tista' qatt tirnexxi la darba*

*l-konvenuta ghalqet il-21 sena u dak il-permess kontestat permezz tal-proceduri odjerni, spicca awtomatikament. Il-konvenuta Gulbahar Ozgur ottjeniet permess iehor ta' residenza, din id-darba sabiex tistudja hawn Malta fuq il-mertu taghha stess. L-interess guridiku tal-attrici li tagixxi b'din il-kawza spicca, hekk kif appena skada l-ewwel permess u nhareg il-permess tar-residenza lill-konvenuta Gulbahar Ozgur fis- 6 ta' Mejju, 2016. Ladarba l-interess intemm, il-konsegwenza immedjata tkun li l-konvenut ghandu jinheles milli jibqa' fil-kawza.*

*Ghalhekk din l-eccezzjoni ulterjuri tad-Dipartiment konvenut sejra tintlaqa'."*

7. Rat ir-rikors tal-appell tal-attriċi Zeynep Buhagiar li in forza tagħha, għar-raġunijiet minnha premessi, talbet li din il-Qorti:

"*joghgobha tilqa' dana l-appell u tirrevoka s-sentenza tal-Ewwel Qorti tal-11 ta' Mejju 2017 fl-ismijiet premessi fejn laqghet l-eccezzjoni ulterjuri tad-Dipartiment konvenut u konsegwentement tordna li l-atti jergghu jigu rimessi lura quddiem l-Ewwel Qorti sabiex tiddeciedi dwar it-talbiet tal-attrici fil-mertu.*

*Bl-ispejjeż taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellati."*

8. Rat ir-risposta tad-Direttur tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u tal-Espatrijati li in forza tagħha, għar-raġunijiet minnu premessi, issottometta:

"*li l-Appell ta' l-appellant ghandu jigi michud bl-ispejjez kontra taghha b'riserva ghall-produzzjoni ta' provi u sottomissjonijiet ulterjuri permessi mil-Ligi f'kaz illi dan ikun mehtieg."*

9. Rat ir-risposta ta' Gulbahar Ozgur li in forza tagħha, għar-raġunijiet minnha premessi, talbet li din il-Qorti jogħġobha tiċħad l-appell tal-appellanti u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti.

10. Semgħet lid-difensuri tal-partijiet;

11. Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

12. Illi f'din il-kawża, l-attriċi Zeynep Buhagiar, li tiġi omm il-konvenuta Gulbahar Ozgur, qed titlob li jiġi kkanċellat il-permess ta' residenza a favur il-konvenuta Ozgur biex tkun tista tibgħatha lura f'pajjiżha ġewwa t-Turkija. L-attriċi tgħid li binta l-konvenuta hija minorenni, taħt il-kura u l-kustodja tagħha, u ma tridhiex tibqa toqgħod Malta. L-ewwel Qorti qieset li, fil-frattemp, l-konvenuta ma baqgħetx titqies dipendenti fuq omma ladarba ghalqet 21 sena u li din it-tifla llum qiegħda hawn Malta fuq permess għaliha, indipendentement minn kulhadd. Wara li ghamlet referenza għal diversi sentenzi dwar il-ħtieġa li l-attriċi jkollha interess ġuridiku mhux biss biex tiftaħ il-kawża, imma li jipperdura matul is-smiegħ kollu tagħha, l-ewwel Qorti osservat li darba l-konvenuta saret maġġorenni u ħadet l-istat tagħha, u ngħatat il-permess indipendentement minn kull relazzjoni ta' familja, jonqos fl-attriċi l-interess meħtieġ biex tkompli bil-kawża.

13. L-attriċi appellat mis-sentenza u tinsisti li l-aġir tad-Dipartiment konvenut għandu xorta waħda jiġi mistħarreġ għax dak li sar ħażin, hekk jibqa'.

14. Din il-Qorti tirrileva li fir-rikors promotur, l-attriċi ma talbitx kundanna għal danni, iżda talbet biss it-tħassir tal-permess ta' residenza li kien ingħata lill-konvenuta Ozgur. Issa li din tal-aħħar ingħatat il-permess ta' residenza wara li applikat minn jeddha u waħidha, ma tistax l-attriċi tkompli tinsisti fuq it-talba tagħha.

15. Fl-Ordinament Ġuridiku Malti jidher ċar illi għalkemm huwa essenzjali li jkun hemm l-interess ġuridiku meta proċedura tiġi proposta, jeħtieġ illi dan l-interess jinżamm ħaj matul id-durata ta' dik l-istess proċedura, b'dan illi jekk minħabba xi ċirkostanza li tavvera ruħha waqt il-mori tal-proċedera dik il-proċedura ma tkunx tista' tagħti riżultat vantaġġjuż lil min ikun ressaqha, allura jkun jista' jingħad li l-azzjoni ma tibqax iżjed vijabbli. Kif intqal min din il-Qorti fil-kawża "**Amato Gauci v. Zammit**" deċiża fid-19 ta' Mejju, 2014:

> *"Jekk l-azzjoni ma tkunx kapaċi twassal għal tali riżultat utli għal min jipproponiha minħabba fatt sopravvenut għall-istituzzjoni tal-kawża li jeżawrixxi jew jestingwi l-interess, dik l-azzjoni ma tistax treġi".*

16. L-attriċi tilmenta li bintha qiegħda hawn Malta kontra l-volonta' espressa ta' ommha. Pero`, dan illum m'għadux rilevanti u l-konvenuta qiegħda Malta bil-meritu tagħha stess. Il-volonta` tal-attriċi ma tinkwadra fl-ebda parti ta' dan il-kuntest.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-attriċi Zeynep Buhagiar billi tiċħad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti.

L-ispejjeż fiċ-ċirkostanzi jibqgħu kollha bla taxxa bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo | Tonio Mallia | Anthony Ellul |
| President | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
da